# JUVENES TRANSLATORES TRANSLATION CONTEST 2011

**Instructions**

***On this page*** *- fill in the details in the box below in* ***block capitals****.*

***On the following pages*** *- write your translation, using the lines provided and staying within the frame. On each page, fill in the fields at the top (school registration number, pupil's database number) and the page number (**number of the page** / **total number of pages**).*

| | |
|---|---|
| Source language: English | Target language: Maltese |
| Country: Malta | |
| Registration number of school: 1005<br>Pupil's number from database/confirmation email: 99 | |
| Name of school: De la Salle College Sixth form | |
| Pupil's name: Natalia Grima | |
| | |

**Registration number of school:** 1005

**Pupil's database number:** 99

Translation:

Tgħin lilek innifsek filwaqt li tgħin lil ħaddieħor. Dawn is-sitt xhur ta' volontarjat kienu taħlita ta' emozzjonijiet. Għall-bidu ma kelli l-ebda ħjiel ta' x'nista' nsib meta nasal u għalhekk moħħi ma kienx mistrieħ. Għalkemm is-sessjonijiet ta' taħriġ ma kinux ibsin, xorta waħda l-affarijiet qatt ma joħorġu kif ikunu mfassla. In-nervi li kelli fil-bidu malajr għibu għax tant kien hemm xogħol x'jsir li lanqas kelli ħin biex noqgħod naħseb fuqhom. Il-bqija tal-volontiera kienu minn tagħna. Il-mexxejja ta' dan il-proġett spjegawli dak kollu li ridt inkun naf dwar xogħli u tawni bosta pariri. Huma tassew nies eċċezzjonali għar-raġuni li huma nies paċenzjużi, impenjati u mimlija ħeġġa.

F'ħajti qatt ma kont mort ġewwa dar tal-anzjani. Il-post għandu ambjent sabiħ fejn hemm kmamar għall-użu ta' kulħadd, kċina maqsuma u ġnien u l-atmosfera hija waħda simpatika. Kien hemm diversi ħwejjeġ

**Registration number of school:** 1005

**Pupil's database number:** 99

Translation:

marbuta max-xjuħija li qabel qatt ma kienu għaddewli minn moħħi*, Ċerta residenti kienu jeħtieġu l-għajnuna sempliċiment biex jiftħu landa jew vażett jew biex iħaddmu l-kontroll ta' xi apparat teknoloġiku. Min-naħa l-oħra, uħud minnhom kellhom bżonn lil xi ħadd sabiex jeħodhom jixtru jew igibilhom jew igorrilhom l-affarjiet li kultant kienu jirrabbjaw magħhom infushom. Huma kienu japprezzaw ħafna dak li inti kont tagħmel għalihom, fil-fatt kienu jieħdu gost jekk teħodhom jieħdu kafè jew passiggata fi ġnien pubbliku. Huma dejjem kellhom xi storja jew esperjenza lesta biex jirrakkontawha. B'xi mod kien jirnexxilhom igibu dak li tkun qrajt jew rajt dwar iż-żminijiet l-imgħoddija jseħħ fil-preżent. Permezz t' hekk sirt nifhem aħjar dwar x' kien jiġri f' dak iż-żmien.

Għall-ewwel kien diffiċli : tikkomunika bil-Ġermaniż u biex tkompli tgħaqqad uħud mir-residenti kienu jitkellmu biss bid-djalett li jirrikjedi ~~negra~~ daqsxejn ta' sforz sabiex tidrah. Issa

Registration number of school: 1005

Pupil's database number: 99

Translation:

għalija
drajtha sew il-lingwa u dan kien ta' sodisfazzjon, Tant hu hekk li issa jistgħu jgħodduni bħala waħda tal-post. Barra minn hekk, kulħadd kien jikkumplimentani dwar il-Ġermaniż mitkellem tiegħi u dan ziedli il-kunfidenza.
kull oġġett sabiħ jiġi fi tmiem. Fil-fatt qiegħda nħossni mdejqa li sejra nħalli lil dawn in-nies warajja. Haġa waħda biss ngħidlek: dawk kollha li qabilli biex immur l-Ażja fis-sena li għandi nejta ma kinux jafu x'qegħdin jgħidu. Billi weħħaqt dan ix-xogħol tgħallimt aktar dwar in-nies u l-ħajja milli vvjaġġajt. Dan il-proġett jintemm fl-għeluq tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat iżda ġejt mitluba biex nerġa' niġi u jekk kollox imur kif inhu maħsub, nerġa' mmur fil-vaganzi tas-sajf tas-sena d-dieħla. Min jaf, forsi meta nispicca mill-Università, insir persuna professjonali li tieħu ħsieb l-anzjani.
*(Apparti r-raġunijiet ta' saħħa l-aktar komuni, id-debbolizza u l-moviment minn post għall-ieħor

**Registration number of school:** 1005

**Pupil's database number:** 99

Translation:

hume (-problemi ewlenija_-)